# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru. 71/21MH:**

**Numru:14**

**Salvatore Morgan, Jane Powell, Nicola Azzopardi Powell, Stephen Powell, Avv.David Bonello għan-nom u n Rappresentanza ta' Priscilla Lindon u George Huston Cooper.**

**Vs**

**Maragreth Cooper li b'digriet tat-28 ta' Lulju, 2023 awtorizżat is-sostituzzjoni ta' l-isem għal dak ta' Margaret.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat** fejn ġie premess li:

1. *Illi l-partijiet f'din il-kawza huma lkoll eredi ta' Maria Morgan li mietet fl-24 ta' Ottubru 2019 u dan jirrizulta mil-ahhar testament tal-imsemija Maria Morgan immarkat DOK MM1.*

2. *Illi l-intimata Margareth Cooper ilha minn ftit wara l-mewt ta' omma Maria Morgan tallegga u tivvanta bosta pretensjonijiet fil-konfront tal-esponenti bil-miktub fejn fost l-ohrajn qed tallega ksur tad-data privata taghha mil-esponenti, li l-istess esponenti hadhu fil-pussess taghhom oggetti ta' valur ta' 37,000, sebgha u tletin elf lira sterlina u allura ghamlu arrikiment indebitu.*

3. *Illi in aggunta ma dan l-intimata qed tivvanta pretenzjoni li l-esponenti b'qerq jgieghlu lil Maria Cooper tiffirma prokuri u tbiegh propjetajiet. Dan fost l-bosta pretenzjonijiet ohra li allegat mil-miktub kif jixhdu id-dokumenti annessi li nbghatu permezz ta' email mil-intimata li qed jigu immarkati DOK MM2.*

4. *Illi peress li l-artikolu erba' mija u tlieta (403) tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "Meta f'atti gudizzjarji jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles din il-pretensjoni titlob b'rikors guramentat li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd biex iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretensjoni u li fin-nuqqas ta' dan jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni.*

5. *Illi l-artikolu erba' mija u erbgha (404) tal-istess Kapitolu jipprovdi li dak iz-zmien ma jistax ikun izjed minn tlett (3) xhur.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.*

1. *Tistabbilixxi zmien ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur sabiex fih l-intimata iggib 'l quddiem b'kawza dawn il-pretensjonijiet; u*

2. *Fin-nuqqas, illi l-istess intimate ma josservawx it-terminu hawn fuq indikat u lilhom prefiss sabiex timponi fuq l-intimata skiet perpetwu.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat lil konvenuta ġiet notifikata pero baqgħet inadempjenti kemm fir-risposta tagħha, ukoll li tfittex assistenza leġali ukoll u agħar għal andament ta' din il-kawża, li żżomm ruħha komposta tul is-smiegħ tal-kawża, tant lil Qorti kellha anke titlob l-assitenza tac-chief Marshall biex tiġi kontrollata l-konvenuta.

Rat i-provi prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli avukat tar-rikorrenti, pero għal darbaoħra l-konvenuta għalkemm presenti rressistit l-invit tal-Qorti li tfittex assistenza leġali, u minflokk, ukoll bl-akkwiixxenza tal-kontroparti esebit sensiela ta' emails u kitba dattilografata li kellha sservi kemm ta' provi ukoll ta' sottomissjonijiet.

Il-Qorti anke semgħet is-sottomissjonijiet da parti tal-konvenuta li kienu jikkonsistu, fejn setgħet tiftiehem, b'varji theddid u allegazzjonijiet.(mhux rekordjata)

Ikkunsidrat.

Illi mill-linja ġurisprudenzjali il-Qorti tislet is-segwenti biex igħinu għas soluzzjoni tal-vertenza.

Intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **John Mary Dalli et. vs Incorvaja Leonard.**[1]li-:

*" 5. L-iskop ta' kawża ta' jattanza kien spjegat fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Lulju, 1999, fil-kawża fl-ismijiet* ***Stephen Parnis et v. Costantino Parnis et****:*

> *"Illi l-iskop uniku legali u socjali tal-istitut ta' jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jigu rizolti. Il-Ligi ma tridx li thalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna ohra bi pretensjonijiet li ma jingiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti ghas-smigh u determinazzjoni."*

*Galadarba l-konvenut qiegħed jivvanta jedd, is-soċjeta` attriċi hija ġustifikata li trid teħles minn din il-pretensjoni, u għalhekk tressaq l-azzjoni odjerna, aktar u aktar fid-dawl tal-konvenju li hija daħlet fih ma' terzi."*

Ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Stefania Mercieca vs Stephen Bonavia et.**[2] ġew stabbiliti dawk li huma l-elementi neċessarji li jridu jissusitu għas-suċċess ta' din it-talba. Ingħad-:

*"13. Ghandu jinghad mal-ewwel illi l-Qrati taghna diversi drabi kkonfermaw il-principji dwar l-istitut ta' jattanza jew il-millantazzjoni. Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza appellata, l-gurisprudenza ricenti tistabbilixxi sitt elementi li ghandhom jikkonkorru sabiex din l-azzjoni tirnexxi, fosthom dawk li l-attur ikun fil-pussess tal-oggett li jrid jikkawtela u li l-pretensjoni trid tkun spontanja u mhux provokata mill-attur, li huma proprju l-*

[1] App. Ċiv. 1126/20/1 FDP Deċiż 20 ta' Jannar, 2022
[2] App.Ċiv. 528/2015/1Sm deċiż 30 ta' Gunju, 2021.

*qafas tal-appell tal-konvenuti appellanti. Fir-rigward tal-element tal-pussess fis-sentenza taghha filkawza* ***Contessina Maria Teuma Castelletti v. Angelo Camenzuli***

***(Kollez. Vol. XXVI.I.485)*** *din il-Qorti qalet hekk:*

> "*Attesoche, come venne piu volte deciso dai nostri Tribunali, non si puo muovere azione di jattanza quando il possesso della cosa circa la quale ha luogo la millantazione, si trove presso il convenuto. (Prim'Aula 'Trapani versus Vella' 20 aprile 1907, Coll.XX, 338; 'Massa versus Pace' 20 novembre 1907, XX, 373; 'Grech Delicata versus Agius' 9 gennaio, 1875, VII, 293); e pertanto* ***l'attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'articolo 425 (illum 403) delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore*** *(Prim'Aula 17 aprile 1871, V, 506 e 1 aprile, 1920 'Pellegrini versus Sammut')."*(enfasi ta' din il-Qorti).
>
> ...

*Il-fatt li l-uniku access ghal fuq il-bejt in kwistjoni huwa mill-fond tal-konvenuti jimmilita kontra l-pretensjonijiet attrici ghall-fini ta' din il-kawza. Minn dan isegwi li d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet tabilhaqq zbaljata meta qalet li l-attrici ghandha l-pussess tal-bejt u tal-arja in dizamina.*

*15. Hekk ukoll fir-rigward tal-element li l-pretensjoni tkun spontanja u mhux provokata bl-agir tal-attrici appellata. Fis-sentenza tal-Prim'Awla* tal-Qorti *Civili, fil-kawza fl-ismijiet* ***Mario Pickard v. Grace Andersen,*** *kif ikkonfermata minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011, nghad hekk:*

*"Fil-kuntest tat-tielet element, u cioe`, il-htiega tal-ispontaneata` tal-millantazzjoni, din il-Qorti tosserva li dan hu element diversi drabi ribadit mill-gurisprudenza. Hekk, fil-kawza, Pellegrini Petit v. Sammut, Vol. XXIV.II.358, intqal, b'approvazzjoni ta' dak li jghid il-gurista Rodolfino fuq il-materja, li "allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziali dietro provocazione altrui, non possono servire di base al giudizio in jattanza". Dan il-principju gie ndikat ukoll mill-prim' awla tal-Qorti Civili fil-kawza Grixti v. Borg, deciza fit-22 ta' Ottubru 1982, fejn saret riferenza ghaddecizjonijiet riportati fil-Vol. III.189, XVI.II.337, XXIV.II.359, XXXII.I.645 u XLIII.II.1146.*

*"Hekk ukoll fil-kawza, Buhagiar v. Busuttil, deciza mill-prim' awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru, 1999, intqal li "meta l-attur mexxa jew gieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni, jew igib raguni ghaliex huwa qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja, imma tassumi l-kwalita` ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal tal-ahhar ikun qed jezercita dritt tieghu".*

*"…Illi huwa mghallem li biex tirnexxi l-azzjoni tal-jattanza jehtieg jirrizulta li tkun saret pretensjoni bil-miktub minn min jallega jedd, li l-persuna li kontra taghha tkun saret il-pretensjoni tkun fil-pussess tal-haga li jrid jikkawtela,* ***li l-pretensjoni tkun wahda spontanja u mhux provokata****, u tkun wahda li tista' titmexxa 'l quddiem b'kawza fil-qrati, u li ma tkunx kondizzjonata minn fatt li jista' jsehh jew jista' ma jsehhx.*[3] ***Biex jista' jinghad li pretensjoni tkun wahda spontanja, irid jirrizulta li din ma tkunx ir-rizultat ta' pretensjoni jew "provokazzjoni" li tkun saritilha mill-parti nnifisha li tkun fethet il-kawza tal-jattanza.***[4] *Fuq kollox, l-azzjoni ta' jattanza tolqot biss dawk il-pretensjonijiet li, biex jinzammu 'l quddiem, jehtiegu azzjoni fil-Qrati: ma tolqotx dawk il-pretensjonijiet li, min jaghmilhom, ma jehtieg l-ebda azzjoni ghaliex diga' jgawdi dak li jippretendi jew hu fil-pussess taghhom;*

***"Illi ghalhekk l-artikolu 403 tal-Kodici jrid jinghata tifsira dejqa minhabba li l-azzjoni tal-jattanza ghandha l-ghan li ggib fuq il-parti li taghmel il-pretensjoni tal-jedd is-sanzjoni ta' skiet ghal dejjem fuq dik il-pretensjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex jixraq li wiehed izomm quddiem ghajnejh li r-regoli maghmula mil-legislatur fid-diversi dispozizzjonijiet li jmexxu dawn il-proceduri specjali ghandhom dejjem jitqiesu bhala partikolari ghalihom jew kontra l-bixra tar-regoli normali. Kemm hu hekk, dwar lazzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana***[5] ***jfisser din lghamla ta' azzjoni bhala "...a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce***

[3] P.A. TM 11.12.2003 fil-kawza fl-ismijiet *Imelda Tabone et vs Agnes Galea et*
[4] Mag. (Gh) AE 2.10.2007 fil-kawza fl-ismijiet *Stella Rapa et vs John Mary Portelli*
[5] *Notes on Civil Procedure*, pag. 1456

> ***to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit."*[6] *Il-kundizzjonijiet ghall-applikazzjoni taghha, ghalhekk, ghandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-legislatur*;"**

*Din il-Qorti kompliet hekk:*

> ***"…Il-provokazzjoni ssehh meta dak li jkun jasserixxi xi dritt fuq haga fil-pussess ta' haddiehor, bhal meta dak li jkun jippretendi li hu proprjetarju assolut ta' xi haga f'idejn terz. Jekk it-terz jichad din il-pretensjoni u jghid li dik il-haga hi tieghu, dak li ressaq il-pretensjoni fl-ewwel lok ma jistax imexxi azzjoni ta' jattanza kontra t-terz, ghax l-asserzjoni ta' proprjeta` li jkun ghamel it-terz tkun giet ipprovokata bil-pretensjoni ta' dak li jkun."*** (enfasi ta' din il-Qorti).

16. *Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, l-azzjoni attrici hija destinata li tfalli. Kif jirrizulta mill-atti, l-attrici applikat mal-Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar sabiex taghmel l-izvilupp propost minnha, nkluz fuq il-bejt in kwistjoni, fejn hija ddikjarat li hija s-sid wahdieni tas-sit fejn kellu jsir l-izvilupp. Dan wassal sabiex il-konvenuti, bhala girien, gew notifikati bl-izvilupp propost (ara wkoll avviz esebit in atti) u kien f'dan l-istadju li l-konvenut appellant ressaq l-oggezzjonijiet tieghu. Mill-provi esebiti mill-kontendenti fil-kawza, ma jirrizultax li l-konvenuti ressqu xi pretensjoni bil-miktub fil-konfront tal-attrici appellata qabel dan l-episodju. Kwindi huwa ritenut li l-konvenuti kienu qeghdin sempliciment jezercitaw id-dritt taghhom li jikkontestaw talba*

[6] Ara wkoll f'dan is-sens sentenza P.A. 13.12.1930 fil-kawza fl-ismijiet *Gauci vs Francia* (Kollez. Vol: XXVII.ii.332)

*maghmula mill-istess attrici. Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu, 2014, fil-kawza fl-ismijiet* ***Paul Agius et v. Joseph Meilaq et:***

> *"Il-provokazzjoni tikkonsisti f'att li jixpruna reazzjoni u l-att provokattiv mhux neccessarjament ibiddel xi stat ta' fatt u anzi jista' jikkonsisti f'affermazzjoni ta' dak li fil-fehma tal-agent ikun l-istatus quo u li l-parti l-ohra tigi ghalhekk kostretta tikkontesta."*

*Hekk ukoll f'dan il-kaz, l-agir tal-konvenuti appellanti ma kienx wiehed spontanju, izda kien provokat u reattiv ghad-dikjarazzjoni tal-attrici f'dokument pubbliku li hija s-sid wahdieni tal-bejt in kwistjoni sabiex twettaq l-izvilupp. L-ittri li segwew da parti tal-perit tal-konvenuti u talavukat taghhom iridu jittiehdu f'dan il-kuntest u mhux kif tissottometti l-attrici appellata fir-risposta tal-appell taghha."*

*"Illi fis-sentenza* ***Angelo Buhagiar et vs Carmelo Busuttil*** *(22.10.99 P.A. FGC) il-Qorti kkwotat il-kawza fl-ismijiet* ***Contessina Maria Teuma Castelletti vs Angelo Camenzuli*** *(Appell Vol. XXV1.1.485) fejn kien gie ritenut :*

*Il-principju li l-millantazjoni m'ghandhiex tkun provokata mill-attur gie anki ribadit mill-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-sentenza* ***"Edgar Staines noe vs Dottor Albert Hamilton Stilon"*** *(Kollez. Vol. XXX1.1.494). F'din is-sentenza, intqal li din id-distinzjoni hija wahda razzjonali hafna; infatti, spjegat l-istess Onorabbli Qorti, jekk l-attur ma jipprovokax lill-konvenut, izda dan spontaneament johrog b'millantazzjoni tad-dritt kontra l-attur, u l-attur ikollu interess jillibera ruhu mid-dritt vantat kontra tieghu, u ma jibqax f'dak l-istat ta sospensjoni sakemm joghgob lill-konvenut li jagixxi, allura l-ligi taghti rimedju lill-attur biex precizament jillibera ruhu darba ghal dejjem minn dik il-millantazzjoni; izda meta l-attur mexxa jew gieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni gieb ir-raguni l-ghala huwa qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura l-millantazzjoni ma tkunx izjed spontanea, ghalkemm issir f'att gudizzjarju u bhala difiza, imma tassumi l-kwalita' ta millantazzjoni provokata. U min ikun qieghed jirrespingi pretensjoni*

*ta haddiehor, kompliet tghid l-istess Qorti, provokat minn ghandu, ma jkunx qieghed "jikkalunnjah', izda jkun qieghed jezercita dritt tieghu li kellu bhala "causa" l-pretensjoni dedotta kontra tieghu."*[7]

Fid-deċiżjoni fl-**ismijiet Chistine Falzon et. Vs Andrea Cassar pro et.noe**[8] ġie spjegat dan:-

*"Illi fis-sentenza* ***"Neg. Angelo Grima vs Neg. William John Caffary"*** *(K. (WH) 14 ta' Frar 1952) inghad li l-azzjoni ta' jattanza ghandha tingieb 'il quddiem fi zmien sena mill-pretensjoni; u l-pretenzjoni trid tkun saret b'att gudizzjarju jew xort'ohra bil-miktub.*

*Illi ghalhekk ir-rekwizit illi johrog mill-**artikolu 403 tal-Kap. 12** innifsu huwa illi l-att li permezz tieghu l-intimat jippretendi xi dritt ghandu jsir b'att gudizzjarju jew ta' l-inqas bil-miktub (ara "**Charles Ciappara vs Salvu Fenech nomine"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 1996); **"L-Avukat Generali nomine et vs L-Avukat** **Dottor** **Hugh Peralta nomine"** (A.C. – 28 ta' April 2000); **"Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine**" (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); **"Carmelo Vella vs Noel Vella et"** P.A. (RCP) – 10 ta' Dicembru 2009).*

*Illi jrid jinghad illi l-gurisprudenza fuq din il-materja hija wahda kostanti u tenut kont tar-rekwiziti hawn imsemmija li johorgu mil-ligi nnifisha, jinghad illi l-Qrati lokali stabbilew element ohra mehtiega sabiex kawza ta' din in-natura tirnexxi. Sentenza partikolarment rilevanti ghall-kaz in ezami hija s-sentenza fl-ismijiet **"John Muscat vs Joseph Cost Chretien"** (P.A. (A.V.C) – 31 ta' Mejju 1948) li stabbilit l-elementi mehtiega ghas-success ta' kawza ta' din in-natura u cioe`:-*

*"(1) Li l-millantazzjoni tkun tikkontjeni pretensjoni li l-ezercizzju taghha jkun ghad irid jigi;*

*(2) li ma tkunx determinata minn necessita` jew minn kawtela guridika;*

[7] Deċiża 10.11.99 Ċitaż 2361/98RCP

[8] 71/2009/RCP deċiża 17.6.2010

*(3) li l-pretensjoni jkollha l-karattru li tista' tigi ezercitata b'azzjoni gudizzjarja; u*

*(4) li l-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat, u li kwindi ma tkunx millantazzjoni generika tad-drittijiet;"*

*Illi in oltre ghal dawn il-principji huwa pacifiku illi min jippromwovi kawza ta' jattanza tirnexxi ghandu jipprova zewg elementi u cioe` illi huwa ghandu jipprova l-pussess tieghu fuq il-haga in kwistjoni tkun ad eskluzjoni ta' min ikun qieghed jimmillanta l-pretensjoni tieghu u fit-tieni lok, il-millantazzjoni ghandha tkun wahda spontanja u mhux provokata (ara* ***"Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine****" P.A. – 7 ta' April 2000) ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 2003) li ghamlet referenza ghas-sentenza* ***"Contessina Maria Theuma Castelletti vs Angelo Camenzuli"*** *(A.C. - Kollezz. Vol. XXVI.I.485) citata fis-sentenza* ***"Angelo Buhagiar et vs Carmelo Busuttil*** *(P.A. (FGC) 22 ta' Ottubru 1999) fejn kien gie ritenut:-*

*"Attesocche', come venne piu' volte deciso dai nostri Tribunali, non si puo' muovere azione di jattanza quando li possesso della cosa circa la quale ha luogo la millantazione, si trova presso il-convenuto (Prim'Aula* ***"Trapani versus Vella"*** *20 aprile, 1907, Coll.XX,338;* ***"Massa versus Pace"*** *20 novembre, 1907, XX, 373;* ***"Grech Delicata versus Agius"*** *9 gennaio, 1875, V11, 293); e pertanto l'attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'****Articolo 425*** *delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore (Prim'Aula 17 aprile, 1871, V.506 e 1 aprile, 1920* ***"Pellegrini versus Sammut"****)."*

*Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet li:-*

*Il-principju li l-millantazjoni m'ghandhiex tkun provokata mill-attur gie anki ribadit mill-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-sentenza* ***"Edgar Staines noe vs***

***Dottor Albert Hamilton Stilon"*** *(Kollez. Vol. XXX1.1.494). F'din is-sentenza, intqal li din id-distinzjoni hija wahda razzjonali hafna; infatti, spjegat l-istess Onorabbli Qorti, jekk l-attur ma jipprovokax lill-konvenut, izda dan spontaneament johrog b'millantazzjoni tad-dritt kontra l-attur, u l-attur ikollu interess jillibera ruhu mid-dritt vantat kontra tieghu, u ma jibqax f'dak l-istat ta sospensjoni sakemm joghgob lill-konvenut li jagixxi, allura l-ligi taghti rimedju lill-attur biex precizament jillibera ruhu darba ghal dejjem minn dik il-millantazzjoni; izda meta l-attur mexxa jew gieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni gieb ir-raguni l-ghala huwa qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura l-millantazzjoni ma tkunx izjed spontanea, ghalkemm issir f'att gudizzjarju u bhala difiza, imma tassumi l-kwalita' ta millantazzjoni provokata. U min ikun qieghed jirrespingi pretensjoni ta haddiehor, kompliet tghid l-istess Qorti, provokat minn ghandu, ma jkunx qieghed "jikkalunnjah', izda jkun qieghed jezercita dritt tieghu li kellu bhala "causa" l-pretensjoni dedotta kontra tieghu.*

*Illi l-kontestazzjoni f'dan il-kaz jirrizulta li hija li l-konvenuti qed isostnu li qed jaghmlu dawn l-interpellazzjonijiet a skopijiet sabiex l-azzjoni taghhom ma' tigix preskritta, u ghalhekk sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet taghhom u ghalhekk skond huma japplikaw il-principji ndikati fis-sentenzi minnhom citati ta'* ***"Gorg Borg vs Paolo Borg et nomine"*** *(A.C. – 1 ta' Lulju 1946),* ***"Maria Dolores Vella vs Rosario Micallef"*** *(P.A. – 15 ta' Dicembru 1958), u* ***"Charles Ciappara vs Salvu Fenech nomine"*** *(A.C. – 7 ta' Ottubru 1996).*

*Illi din il-Qorti thoss li dawn l-insenjamenti jridu jittiehdu fil-kuntest tal-iskop ta' l-azzjoni ta' jattanza li huwa jevita li ssir pretensjoni ta' dritt b'mod spontanju minghajr ma' jittiehdu l-proceduri necessarji sabiex dan id-dritt jigi effettivament deciz f'terminu ragonevoli, u minflok min jippretendi tali dritt jipprezenta biss vantazzjoni li ma' tigix sewgieta' b'kawza, b'dan li kontra min issir tali pretensjoni jibqa' mdendel. Hekk id-dibattatu ghandhu jippermja ruhhu jekk l-vantazzjoni ta' dritt f'dan il-kaz mill-intimati, kienitx pprovakata minn xi pretensjoni attrici, b'mod li jista' jinghad li l-intimati kull ma' ghamlu biss irreagixxew sabiex jissalvalgwardaw jew jipprotegu d-drittijiet taghhom*

*Illi f'dan l-isfond din il-Qorti thoss li ghandha taqbel ma' dak li gie deciz fil-kawzi fl-ismijiet* ***"Louis Borg et vs Francesco Bezzina et"*** *(P.A. (JA) – 7 ta' Lulju 2004),*

***"Charles Darmanin & Co. Ltd. vs Maltacom p.l.c"*** *(P.A. (PS) peress li kif jidher mill-atti tal-ittri ufficjali l-intimati odjerni ghamlu allegazzjoni spontanea li l-ezercizzju taghha ikun ghad irid jigi u b'dan li qed jippretendu li ghandhom dritt ta' azzjoni kontra l'hemm interpellati u allura hija millantazzjoni cara ghaliex tikkontjeni allegazzjoni ta' dritt kontra uhud mill-atturi odjerni li kien kjarament esegibbli kif ukoll jinterpella lill istess uhud mill-atturi biex jissodisfaw dak id-dritt…. u l-istess ittri ufficjali kienu jikkontjenu monitu specifiku illi kienu ser jittiehdu proceduri legali" ulterjuri fin-nuqqas li l'hekk interpellati ma' jaddevjenux ruhhom ma' dak minnhom hekk rikjest u interpellat. F'dan il-kuntest ma' jistax jinghad li l-ittri ufficjali tal-intimati odjerni kienu b'xi mod pprovokati minn xi att tal-atturi jew uhud minnhom (****"Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine"*** *(A.C. – 27 ta' Gunju 2003) u ghalhekk hemm l-elementi kollha ta' l-azzjoni ta' jattanza ghaliex mill-ittri ufficjali jirrizulta li l-intimati odjerni qed jippretendu li ghandhom jedd u l-atturi hekk interpellati fl-istess atti gudizzjarji huma gustifikati li jehilsu minn din il-pretensjoni*."

Illi misluta dan il-ħsieb ġurisprudenzjali mill-provi jirriżulta illi-:

i-Ġie esebit it-testment, kopja mhux inkontestata, tad-deċeduta Maria Morgan, allura omm il-konvenuta odjerna. [9]

**ii-Salvatore Morgan**[10] jixhed illi hu jiġi ħu l-konvenuta.

Igħid li din il-kawża nfetħet għaliex oħtu konvenuta qed tagħmel akkużi kontinwi konttra ħutha u uliedhom dwar il-wirt ta' ommha, tant li issa tavvanza ukoll talbiet ta' ħlas ta' somma ta' propjeta personali appartenenti lilha li suppost tħalliet fil-post ta' ommhom, dan għas-somma ta' £37,000, ekwivalenti għal €42,453. Igħid li nonostante dan, oħtu konvenuta qatt ma wasslet biex issostni din il-vertenza.

[9] Dok MM1 folio 6
[10] Affidavit Dok SM1 folio 57

Iżid li nonostante li għal ħafna drabi kkomunikaw mal konvenuta biex tmur tiġbor gidha, pero minflokk din bdiet tagħmel varji allegazzjonijiet permezz ta' email u tinvolvi anke terżi.

Igħid li oħtu anke allegat li hu għamel użu minn prokura ffalsifikata ta' ommu, u li b'hekk kienet qed tagħmillu ħsara anke fuq il-post tax-xogħol, (ara anness ma' l-istess affidavit).

Tixhed **Priscilla Lindon**[11] bint il-konvenuta tispjega li meta mietet omm il-konvenuta, nannitha, din ħalliet il-flat tagħha ta' Balluta nofs lil uliedha Margaret Cooper u ħuha u nofs l-ieħor lilha, lil ħuha George Copper, u l-kugin Stephen Powell ukoll lil kuġina Nicola Powell, u lil Judy Jane Morgan. Tispjega li huma kienu ffirmaw il-*causa mortis* f'Novembru u li kien baqa' inadempjenti f'dan biss il-konvenuta. Tgħid li din baqgħet insistenti li kienu jafuha s-somma ġia msemmija.

Igħid li meta offrewlha li tieħu ħwejjiġha ma riedetx. Spjegat ukoll li fil-propjeta' kien hemm leak ta' ilma li kien qed jikkaġuna ħsara u li biex issewwa dan kienu anke rredigu inventarju tal-mobbli kollha fil-propjeta' minħabba l-konvenuta. Anke hawn il-konvenuta kienet irrifjutat li tipparteċipa f'dan u tieħu ħwejjiġha.

Tgħid li ommha sssostni li hi l-unika eredi u li ġew falsifikati l-prokuri tal-mejta ommha.

Tikkonferma l-ammont ta' emails esebiti fl-atti xhieda ta' l-allegazzjonijiet tal-konvenuta.

-Jixhed ukoll **George Cooper**[12] jispjega ukoll l-avvenimenti li seġġew il-mewt ta' nanntu Maria Morgan u meta ġew biex ikompplu l-*causa mortis* u dan konċernanti l-wirt ta' propjeta' 75/1 Old College Street, Balluta. Jixhed li minħabba l-allegazzjonijiet tal-konvenuta, anke theddid tramite telefonati, emails, text messages li nvolvew il-familja kollha, ma jistgħu jikkonkludu xejn.

Igħid lil konvenuta barra li tavvanza l-vertenza għas-somma ġia msemmija, ukoll tippretendi li kellha dritt għal aktar mill-wirt ta' ommha.

[11] Folio 70A
[12] Folio 70H

Ukoll jagħmel referenza għal diversi komunikazzjonijiet lil konvenuta ndiriżżat lil vari awtoritajiet bil-pretensjonijiet u allegazzjonijiet tagħha.

**-Salvatore Morgan**[13] ukoll jixhed li hu t-tifel tal-mejta Maria Morgan u ħu l-konvenuta. Jixhed li wara l-mewt ta' ommhom, il-konvenuta bdiet tallega li hi l-eżekutur uniku tagħha, ukoll lit-testament ta' ommha ma kienx sar b'mod leġali. avvanżat ukoll il-pretensjoni tas-somma ġia msemmija, ukoll li ġod-dar ta' ommha kienet ħalluet arloġġ Rolex.

Igħid lil konvenuta kienet tgħix l-Ingilterra u li tiġi tara .lil ommha f'Malta għal visiti. Jiftakkar ukoll lil nanntu titlob lil konvenuta tieħu ħwejjiġha. Ukoll li nanntu kienet titkellem kif qassmet gida fit-testment.

Jikkonferma ukoll il-komunikazzjonijiet li kienet tibgħat il-konvenuta. Jitkellem li oħtu l-konvenuta xandritu anke fuq is-sociol media ukoll li bagħtet komunikazzjonijiet bl'allegazzjonijiet tagħha lil ministru Clayton Bartolo u li kienet tagħmillu ħsara.[14]

Esebixxa lista bil-pretensjonijiet, *inter alia*, magħmula mill-konvenuta. [15]

Da parti tal-kovenuta, dejjem mhux assistita, esebit kif ingħad, sensiela ta' dokumenti minn folio 89 et. seq. Dawn jikkonsistu f'varji allegazzjonijiet indirizzati mhux biss lejn l-atturi imma ukoll lejn varji awtoritajiet Maltin.

Ikkonsidrat.

Illi fl-ewwel lok kif inhu ben miżmum il-kontumaċja anke jekk persistenti tal-kontro parti ma sservi qatt ta' xi *walk over* għal vantaġġ ta' l-attur. Jibqa' nkombenti fuq minn iressaq il-pretensjoni lli jiprova sal grad mitlub minnu mill-liġi dak alleġat dan fl-ambitu tad-dritt sostantiv infittex.

[13] Folio 70L
[14] Folio 72
[15] Dok SM1 Folio 73

Illi tqies li dana seħħ.

Tara lil konvenuta tavvanza diversi allegazzjonijiet kontra l-atturi, li ottenew prokura b'mod qarrieq, illi it-testment ta' ommha sar b'qerq skonta minħabba nuqqas ta' kapaċita' mentali, li huwa dovut lilha ammont ta' flus in kambju ta' oġġetti li ħalliet ġod-dar ta' ommha, u flejjes li suppost jinabu ġol kont bankarju li kien igħajjat lil ommħa. Dan fost akkużi oħra li huma ndirizzati fl-emails minnha mibgħuta u esebiti.

Ikkonsidrat

Jidher li din il-vertenza aktar aggravat ruħha meta il-konvenuta ġiet mitluba tersaq għal *causa mortis* sicome skont it-testment ta' ommha anke hi hija werrieta tagħħa fis-sehem indiviż hemm indikat ma ħutha u neputijiet tal-fond tal-Ballujta.

Minflokk saret il-*causa mortis,* il-konvenuta bdiet jew komplit tavanza dawn l-akkużi.

Illi żġur lit-talba li tersaq għal dikjarazzjoni *causa mortis* li trid il-liġi mhux xi provokazzjoni kif spejgata fil-ġurisprudenza *supra.*  Din hi obbligu tal-ko-werrieta u mhux instigazzjoni għal disġwit.

Jidher, u hawn l-atturi huma konkordi, li huma offrew lil konvenuta tieħu ħwejjiġha mid-dar ta' ommha bla suċċess. Qiesu l-konvenuta mhux qed tifhem il-limitu tal-wirt tagħħa u d-dritt li għandha minn dan. Dan id-dritt suċċessorju jestendi anke għal kwalunkwe assi oħra formanti parti mill-massa ereditarja ta' l-omm. Dritt li jappartjeni ukoll lir-rikorrenti.

Jekk il-konvenuta tippretenedi li għandha drittijiet oltre dawk misjuba fit-testment ta' ommha, u dan għax għandha provi fir-rigward,  it-triq tagħħa hija li tfittex assistenza leġali u tavvanza d-debita pretensjoni kif trid il-liġi. Aktar u aktar meta tqies li hi għandha llum parti mill-massa ereditarja ta' ommha, allura

żġur li għandha kull dritt dak spettanti lilha bil-liġi pero mhux bil-mod kif propost minnha.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi illi tilqa' t-talbiet billi:-**

1. **Tistabilixxi terminu perentorju ta' tlett xhur minn meta din is-sentenza tgħaddi n ġudikat biex il-konvenuta intimata tiddeduċi u ġġib 'l quddiem b'kawża il-pretensjonijiet minnha avvanżati;**

2. **Fin-nuqqas lil konvenuta tonqos f'dan fit-terminu perentorju ndikat timponi fuqha s-silenzju perpetwu billi tiġi mpedita milli qatt iżjed ma tipproċedi b'din il-pretensjoni taghħha kontra l-atturi.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reg**